MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 753/1990/1

**Alexander Cortis**

**v.**

**Peter Borg**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Lulju, 1990 l-attur ippremetta illi hu u l-konvenut, ghal xi zmien, kienu dahlu f'arrangament bejniethom biex imexxu negozju ta' l-importazzjoni u

bejgh ta' “heavy plant'', taghmir, ingenji u vetturi wzati fl-industrija; li l-attur huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' erbat elef u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm4,070.50,0) li tipprezenta l-bilanc dovut lill-attur mill-istess konvenut skond “statement'' tas-27 ta' Jannar, 1987, hawn mehmuz (Dok “AC1''), kwantu ghal elf hames miija u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,520.50) (sic!) kwantu ghal erba' mija u hamsin lira (Lm450) import ta' taxxa mhallsa mill-istess attur dwar gaffa li gab Malta minn barra u l-konvenut qabad u biegh lil terzi; kwantu ghal sitt mitt lira (LM600), prezz ta' mollol tat-trakkijiet li l-attur ikkonsenja lill-konvenut u li ghadhom fil-pussess tieghu; u kwantu ghar-rimanenti elf u hames mitt lira (Lm1,500) rapprezentanti “commissions'' dovuti lill-attur minghand il-konvenut ghall-bejgh ta' vetturi li l-attur importa f'Malta b'arrangament mal-konvenut, kollox kif ghandu jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni; illi il-konvenut bla ebda raguni valida fil-ligi, qed jirrifjuta li jhallas is-somma hawn fuq imsemmija, ghalkemm interpellat li jaghmel dan, anke permezz ta' ittra ufficjali;

Dan premess l-attur talab li dik il-Qorti;

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm4,070.50,0, minnu dovuta lill-attur, kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-4 ta' April,1990, ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju, 1990, u tal-Mandat ta' Sekwestru kontestwalment prezentat oltre l-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-19 ta' Settembru 1990 il-konvenut eccepixxa:

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza peress illi l-konvenut mhux talli m'ghandux jaghti imma ghandu jiehu.

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat li l-kontrotalba li giet irtirata permezz ta’ nota datata 10 ta’ Ottubru 1990 (ara fol. 19 tal-atti);

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-26 ta’ Gunju, 2006, meta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, ipprovdiet bil-mod segwenti:

“Il-Qorti tiddeciedi

“Billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur limitatament ghas-somma ta’ elf, hames mija ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,520.50);

“Tawtorizzah jirtira l-mollol indikati fic-citazzjoni, b’dan li jekk dana m’ghadux aktar possibbli, l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600);

“Spejjez bin-nofs.

“Bl-imghax legali fuq il Lm1,520.50 mill-prezentata tac-citazzjoni.”

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**PROVI**

“L-attur xehed li kien dahal f’negozju ta’ ingenji u vetturi heavy duty mal-konvenut. Billi hu ma kellux sahha fil-flus, waqt li l-konvenut qal li ma kellux problemi dwar flus, ftehmu li l-konvenut jiffinanzja l-progett, u hu jaghmel ix-xoghol manwali kollu li jkun hemm bzonn, bhal tiswija u trasferiment taghhom. Imbaghad wara li jnaqqsu l-ispejjez, jaqsmu dak li jifdal ugwalment bejniethom.

“Kienu gabu xi tlett konsenji xoghol imma wara xi sena l-konvenut ried li jieqfu. Ghalhekk qabdu lill certu Cristinu biex johrog il-bilanci dovuti. Lilu kienu tawh dokument datat Jannar 1987, li sar fil-presenza tieghu, izda ma kienx iffirmah u baqa’ li kellu jiccekkjah. Meta fil-fatt iddiskutih ma’ l-iskrivan tieghu Charlie sab li kien ser

jispicca jkollu johrog xi spejjez minn butu li ma kienux kkunsidrati fil-prospett.

“L-attur qed jippretendi Lm450 ghal  taxxa fuq gaffef u trucks li kienu dahlu Malta fuq ismu ghalhekk kellhom jidhru fl-income tax tieghu  (ara dokumenti a fol.  163 et seq).   Qed jitlob ukoll is-somma ta’ Lm1,500 *commission* fuq li prezz tad *dumper* u gaffa.  Hu hadem fuq il-prezz tal-bejgh taghhom lill terzi u li sar jaf bil-prezz minn qraba tieghu li kienu jahdmu fil-barriera tas-sid li xtrahom.  Hu hadem bl 10% u 20% tal-prezz tal-bejgh (stmati Lm16,644 u Lm3,851 fol.  163).

“Qed jitlob ukoll Lm600 tal-mollol li kienu gew stmati ghola milli kienu jiswew meta ghamlu l-istima, izda imbaghad meta ra li l-konvenut ma hallsux, iddecieda li jitlob il-prezz taghhom.  Dawn ghadhom ghand il-konvenut.

“Il-konvenut xehed li m’ghandu jaghti xejn lill-attur, anzi bil-maqlub.  Hu spjega kif gej dak li ghandu jiehu minghand l-attur.

“Bilanc dovut lill-attur skond statement ippreparat minn Cristinu Vassallo u accettat mill-partijiet Dok A Lm1,520.50
*Spareparts* li xtara minghand l-attur Lm 250.00
**Total dovut lill-attur Lm1,770.50**
Bilanc dovut lill-konvenut  u accettat mill-attur
ghal zrar Dok B Lm1,450.65

Kiri ta’ Crane Lm 29.00
Makna Leyland mixtrija mill-attur Lm 500.00
Ammont (Dwana) accettat mill-attur Dok C Lm1,029.24
**Total dovut lill-konvenut Lm3,008.69**

“**Ghalhekk l-attur ghandu jaghti lill-konvenut Lm1,238.19**

“Il-konvenut ikkonferma li hu kien xtara il-parts bil-prezz ta’ Lm250 u mhux Lm501 kif qed jippretendi l-attur. Dwar il-kumpens ghat-taxxa li l-attur jallega li hallas, il-konvenut jghid li hu ma kellux x’jaqsam mat-taxxa ta’ l-attur u li fl-1985 lanqas kien *partner* ma’ l-attur. Dwar il-gaffa jghid li hu kien xtraha ghall-uzu tieghu u l-attur ma kellux x’jaqsam maghha. Kien irregistraha fuq ismu Dok E fol. 188. imbaghad ittrasferiha fil-1990 lil Polidano Reg No L 8869M. Il-flus dejjem harighom hu.

“Cristinu Vassallo xehed li kien izomm il-kontijiet tal-partijiet. Hu pprepara d-dokumenti CV 1 u CV 2. Mid-dokument CV1 jirrizulta li l-konvenut kellu jaghti lill-attur is-somma ta’ Lm1,520.50 pero’ dina is-somma kellha tigi saldata ma somma ohra li l-attur kellu jaghti lill-konvenut ghal zrar li kien xtara mill-barriera li l-konvenut kellu f’Had Dingli. Fid-Dok CV2 jidher li l-attur ghandu jaghti is-somma ta’ Lm1,029.04.

“Charles Borg xehed li gie mqabbad mill-attur biex jezaminalu kontijiet. Hu kien ghamel l-kontijiet fuq id-dokument AC1. Hu pprepara l-prospett CB (fol. 144) li juri t-taxxa li kellu jhallas l-attur fuq xoghol li ghamel bi shab mal-konvenut li pero’ kien jidher fuq ismu. L-attur kien ser jehel Lm1419 taxxa extra. Fid-dok CB 2 (fol. 145) hu hadem fuq dak li l-konvenut qal li hu dovut lill-attur fl-istatement a fol. 5 sa fol. 11 u zied Lm501 (invoice u taxxa li wehel l-attur). Imbaghad naqqas is-somma ta’ Lm1,450.65 dovuti lill konvenut u wasal l-attur ghandu jiehu Lm1,988.85.

“**KONSIDERAZZJONIJIET**

“L-attur qed jitlob l-ammont ta’ Lm4,070.50,0 kwantu ghal:

“Lm1,520.00 skond Dok AC 1;

“Lm450 import ta’ taxxa mhallsa mill-attur dwar gaffa li gab Malta minn barra u l-konvenut biegh lil terzi;

“Lm600 prezz ta’ mollol tat-trakkijiet li l-attur ikkonsenja lill-konvenut u li ghadhom fil-pussess tieghu;

“Lm1,500 rapprezentanti ‘’commissions’’ dovuti lill-attur minghand il-konvenut ghall-bejgh ta’ vetturi li l-attur importa f’Malta b’arrangament mal-konvenut.

“Dwar il-Lm1,520 hemm qbil anke mill-konvenut (ara Dok PB1 fol. 171) li dana l-ammont huwa dovut lill-attur, izda l-konvenut qed isostni li dana l-ammont ghandu jigi pacjut billi l-attur kellu jaghti lill-konvenut ghal zrar li kien xtara mill-barriera tieghu. Dok CV1 u Dok B, kif ukoll ta’ pagament li hu ghamel ghall-attur ghal xi dwana.

“L-attur qed issotni li ma giet eccepita l-ebda forma ta’ tpacija u li d-debiti imsemmija mill-konvenut m’ghandhomx x’jaqsmu xejn mal-pretensjoni ta’ l-attur f’dina l-kawza.

“Illi l-Qorti tirrileva li ghalkemm kienet gie prezentata kontrotalba (ara fol. 17) dina giet irtirata skond ma hemm imnizzel fil fol. 19.

“Lanqas ma nghatat xi eccezzjoni dwar tpacija, imma anke kieku in tema legali, gie ritenut mill-Qrati Taghna li l-kompensazzjoni ssir ipso jure u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha *'ipso jure'* ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi.

“Fil-kaz in ezami dawn il-krediti ma humiex ammessi mill-attur u huma kontestati. Meta lill-attur gie pprezentat id-dokument bl-ammonti biex jaqsmu, hu ma kien iffirma xejn u kien talab biex jivverifikah ma’ l-accountant tieghu. L-attur jghid inoltre li l-konvenut lanqas ma huwa cert dwar l-ammonti li qed jippretendi li ghandhom jigu pacjuti billi m’hemmx qbil bejn dak li qed jippretendi l-konvenut u dak li l-*accountant* tieghu jghid li ghandu jigi pacjut.

Illi ghalhekk l-ammont ta' Lm1,520 huwa dovut.
"Kwantu ghas- Lm600 tal-mollol, il-konvenut qed jirritjeni li dawn qeghdin ghandu u l-attur jista' jehodhom meta jrid (ara fol. 16 para 5 u para 1 tan-nota tal-konvenut). Invece l-attur qed isostni li dawn il-mollol kienu gew stmati oghla milli kienu jiswew meta ghamlu l-istima, izda imbaghad meta ra li l-konvenut ma hallsux, iddecieda li jitlob il-prezz taghhom. Il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ghandu jirtira dawn il-mollol u jekk dan m'ghadux possibili ghandu jithallas il-valur taghhom fl-ammont ta' Lm600.

"L-attur qed jitlob ukoll Lm450 bhala taxxa li hu wehel fuq gaffef u trucks li kienu dahlu Malta fuq ismu meta kien shab mal-konvenut. Hu qed jibbaza t-talba tieghu fuq ir-*returns* ta' l-*income tax* li huwa pprezenta (dok a fol. 164 et seq). Il-konvenut minn naha l-ohra jghid li l-attur ma gab l-ebda prova li l-ammonti pretizi gew imhallsa u lanqas li thallsu ghan-nom tieghu jew li kien hemm ftehim li bih l-attur gie imqabbad ihallas it-taxxa ghan-nom tal-konvenut.

"Il-Qorti hi tal-fehma dwar l-ammont hawn mitlub, l-attur ma gabx prova konklussiva li effettivament hu ghamel xi hlasijiet bhala taxxa li saru ghan nom tal-konvenut. Jidher mid-dokumenti ezibiti bhala *returns* tat-taxxa li dawn jindikaw dhul li mhux xi wiehed gholi ghal persuna li tinnegozja bil-garage bl-*ispare parts*. Il-kopji tar-*returns* li pprezenta l-attur huma prova ta' dak li ddikjara l-attur imma mhux necessarjament prova tal-hlas li sar tat-taxxa u li suppost kienet dovuta mill-konvenut.

"Ghalhekk l-Qorti tiddeciedi li dana l-ammont mhux dovut.

"L-attur talab ukoll Lm1,500 bhala ''commissions'' ghall-bejgh ta' gaffa u *dumpers* li l-attur importa f'Malta b'arragament mal-konvenut u li l-konvenut biegh lill terzi. L-attur isostni li din l-gaffa kienet tiswa Lm16,000 u kienet inbieghet lill Sander Attard u qatt ma sar it-*transfer* u ghadu fuq ismu.

"Il-konvenut invece xehed li hu kien gab dina l-gaffa fuq ismu, ghalih wahdu. Hu pprezenta dokument (ara fol.

188) li juri l-ewwel registrazzjoni u t-*transfer* tal-vettura li sar.

“Illi skond dan id-dokument, il-*first registration* saret fl-Lulju tan 1989 u t-*transfer* sar fl-1 ta’ Ottubru 1990. Jidher ghalhekk li dina l-vettura ma hiex l-istess wahda li fuqha l-attur qed jitlob l-commission billi n-negozju bejn il-partijiet spicca fil-1986.

“L-attur kien iddikjara dina l-vettura fir-*return* ta’ l-*income* tieghu (ara fol. 163 valur taghha Lm16,644). Hu jghid li dina kienet tat-tip Michigan u kellha numru C 5551 u giet registrata fuq ismu skond il-*log book* li kien wera lill perit, (xhieda 18/2/93 fol. 120), imbaghad inbieghet lill Sander Attard.

“Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha dwar dana l-punt hi tal-fehma li l-attur ma rnexxilux jipprova li hu gab din il-gaffa bi shab mal-konvenut, jew li kien hemm ftehim mal-konvenut fuq xi *commission* jew fuq ir-rata tal-*commission* fuq il-bejgh taghha, u lanqas ma hemm spjegazzjoni kif l-attur wasal ghal figura li huwa qed jitlob, kemm fuq il-valur li bih inbieghet il-vettura kif ukoll dwar ir-rata li huwa ccargja. Lanqas ma hemm prova konklussiva dwar il-bejgh tal-vettura lill Sander Attard.

“Ghalhekk lanqas dana l-ammont ma hu dovut.”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikorsipprezentat fl-14 ta’ Lulju, 2006 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi (1) ma tikkundannax lill-appellant ihallas is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin u hamsin centezmu [*recte*: elf u hames mija u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu] (LM1,520.50) lill-attur u l-konsegwenti imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni; (2) sussidjarjament u alternattivament tikkundanna lill-appellant ihallas l-imghaxijiet mid-data tas-sentenza; filwaqt li tikkonferma il-bqija tas-sentenza

appellata. Bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-attur appellat.

L-attur appellat ressaq risposta ghar-rikors ta’ l-appell intavolat mill-konvenut fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, s-sentenza appellata tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

Fir-rikors ta’ l-appell minnu ntavolat il-konvenut ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn huma bazikament fis-sens:-
1) illi kellha ssir it-tpacija ta’ l-ammonti rispettivament dovuti; u
2) illi fi kwalukwe kaz l-imghax ma kellux jibda jiddekorri mid-data tal-presentata tac-citazzjoni sew minhabba li l-ammont reklamat ma kienx wiehed preciz u korrett sew minhabba l-fatt li kull dewmien fid-determinazzjoni ta’ dawn il-proceduri ma kienx tort ta’ l-istess appellant.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar it-tpacija.**

Il-konvenut isostni li huwa pacifiku bejn il-kontendenti li kien hemm somma ta’ LM1,450.65 dovuta mill-attur lill-appellant u konsegwentement din is-somma kellha tigi pacuta ma’ l-ammont dikjarat bhala dovut lill-attur. F’dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li ebda eccezzjoni ta’ tpacija ma giet sollevata mill-konvenut billi fic-cirkostanzi mhux bizzejjed li wiehed jghid li huwa ma ghandux jghati xejn izda se mai li huwa kreditur. Barra minn hekk ghalkemm originarjament il-konvenut intavola kontro-talba li, f’kaz ta’ ezitu favorevoli, setghet twassal ghat-tpacija mixtieqa, din l-istess kontro talba giet irtirata u konsegwentement illum ma hemm ebda dikjarazzjoni gudizzjarja dwar l-allegat kreditu tal-konvenut.

Dan stabbilit din it-tpacija kienet xorta topera, anke minghajr il-volonta` tal-kontendenti kemm-il darba il-

kreditu tal-konvenut kien wiehed likwidu cert u dovut, izda minn ezami ta’ l-atti processwali jidher li dan mhux minnu. Infatti l-attur qatt ma rrikonoxxa dan il-kreditu tal-konvenut, u inoltre jirrizulta li lanqas l-istess konvenut ma huwa cert kemm ghandu jiehu minnghand l-attur.  Ghalhekk jonqsu l-elementi essenzjali sabiex topera t-tpacija.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat, anzi huwa wiehed li jirrazenta l-fieragh.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut qed jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti kkundannatu jhallas l-imghax legali fuq is-somma dikjarata bhala davuta mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.  Din il-Qorti izda hija tal-fehma, bhal ma gie ritenut ripetutatment minn dawn il-Qrati li, gialadarba l-attur indika ammont determinat fit-talba kontenuta fic-citazzjoni, ma jistax japplika l-principju *in illiquidis non fit mora.*  U l-fatt li l-ammont eventwalment likwidat mill-ewwel Qorti irrizulta anqas minn dak reklamata ma jistax jagevola lill-konvenut inkwantu *il piu` comprende il meno,* u konsegwentement huwa obbligat ihallas l-imghax fuq is-sorte a tenur ta’ l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana kif irriteniet l-ewwel Qorti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------